# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 7 ta' Novembru tas-sena 2001.**

**Numru 8**

**Avviz numru 422/01/SM**

**Miller Distributions Limited**

**vs**

**Omnisoft Computers Limited**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat l-11 ta' Mejju tas-sena 2001 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lis-socjeta' konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m'ghandiex tkun ikkundannata:**

1. **Illi thallas lis-socjeta' attrici l-ammont ta' hames mija u disa u sebghin liri Maltin u tlett centezmi, (Lm579.03,0) bilanc ta' somma akbar, rapprezentanti l-bilanc dovut fuq il-prezz ta' merkanzija lilhom mibjugha u ikkunsenjata mis-socjeta' attrici fuq inkargu taghhom;**

2. **Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittri legali datati s-16 ta' Marzu, 2000; it-3 ta' Mejju, 2000; l-20 ta' Lulju, 2000 kif ukoll tal-ittra ufficjali datata l-25 ta' Settembru, 2000, u bl-imghax legali mid-data tal-hrug tal-invoices relattivi sad-data tal-effettiv pagament kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' cessjoni tas-socjeta' attrici datata t-3 t'Ottubru tas-sena 2001 rigwardanti s-sorte b'riserva ghall-kap tal-ispejjez;**

**In vista tal-premess tastjeni milli tiehu konjizzjoni aktar tal-kwistjoni tas-sorte meritu ta' din il-procedura;**

**Illi pero', in vista tal-premess tikkundanna lis-socjeta' konvenuta biex taghmel tajjeb ghall-ispejjez u imghaxijiet konnessi ma din il-kawza favur is-socjeta' attrici.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**